MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**

**SILVIO CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**

**TONIO MALLIA**

**ONOR. IMHALLEF**

**JOSEPH AZZOPARDI**

Seduta tas-26 ta' Gunju, 2015

Appell Civili Numru. 401/1993/3

**Saviour Farrugia u b'digriet tat-2 ta' Novembru 2011 l-atti tal-kawza f'isem Saviour Farrugia gew trasfuzi f'isem Josephine Farrugia, Josef Farrugia, Paul Farrugia u John Farrugia stante l-mewt tieghu**

**v.**

**Albert Mizzi u Brian Mizzi ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta` Central Mediterranean Development Corporation Limited**

**Il-Qorti:**

Rat li dan huwa appell imressaq mill-konvenuti fit-18 ta’ Marzu 2014, wara digriet li nghata mill-Prim’Awla tal-Qorti Civili fl-4 ta’ Ottubru 2013, li bih giet michuda talba taghha ghall-prezentata ta’ nota ta’ eccezzjonijiet ulterjuri.

Din hija kawza ghar-rifuzjoni ta’ parti mill-prezz imhallas mill-attur ghall-akkwist ta’ porzjoni art fil-limiti tal-Mellieha, wara li l-istess attur gie zgumbrat minn parti mill-art mixtrija fuq istanza ta’ terzi. L-attur qed jinvoka l-garanzija ta’ pacifiku pussess minghand l-awtur tieghu u qed jitlob ir-rifuzjoni ta’ parti mill-prezz li hallas ghall-art li giet reivindikata mit-terz u qed jitlob ukoll id-danni. Gia` gie deciz, anke minn din il-Qorti, li s-socjeta` konvenuta ghandha taghmel tajjeb ghal evizzjoni sofferta mill-attur u ghandha thallas id-danni. Il-kawza, fil-fatt, quddiem l-ewwel Qorti, tinsab fi stadju li jigu likwidati d-danni.

Fil-mori tal-kawza, u precizament fid-9 ta’ Gunju 2011, l-attur dahal f’konvenju ghat-trasferiment tal-fond mibni fuq is-sit meritu tal-kawza, u dakinhar ukoll saret skrittura privata fejn l-attur intrabat li jissurroga u jassenja lill-akkwirenti prospettivi tal-fond *“id-dritt litigjuz u kull rikavat minnu naxxenti”* minn din il-kawza, liema assenjazzjoni tad-drittijiet litigjuzi *“issir”* nhar l-1 ta’ Frar 2012.

Fid-dawl ta' dawn l-izviluppi, is-socjeta` konvenuta talbet, b'rikors tat-18 ta' Lulju 2013, li tressaq eccezzjoni ulterjuri fis-sens li ghandha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju fil-konfront tal-atturi Farrugia stante n-nuqqas ta' interess guridiku, liema talba giet michuda mill-ewwel Qorti b'digriet fuq imsemmi tal-4 ta' Ottubru 2013 u dan wara li kienet cahdet talba tal-akkwirenti prospettivi tal-fond biex jassumu l-atti tal-kawza flok l-atturi. L-ewwel Qorti qieset li r-ragunijiet li wasslu lill-konvenuti biex jipprezentaw ir-rikors taghhom huma superati bid-digriet relattiv li bih cahdet it-talba ghall-assunzjoni tal-atti mill-akkwirenti prospettivi tal-fond, u ghalhek, cahdet it-talba tal-konvenuti.

Il-konvenuti appellaw u jghidu illi fid-dawl tal-iskritturi privati tad-9 ta' Gunju 2011, huma xorta ghandhom interess li jissollevaw l-eccezzjoni ulterjuri relattiva.

Din il-Qorti tara li sal-mument li l-ewwel Qorti tat id-digriet taghha, issa impunjat, l-atturi kienu biss fuq konvenju li jittrasferixxu l-fond u d-dritt litigjuz ta' din il-kawza, u l-ewwel Qorti kellha ragun tiskarta t-talba biex titressaq l-eccezzjoni ulterjuri kif mitluba. Gara pero`, li fil-mori tal-appell, il-Prim'Awla tal-Qorti Civili fil-kawza **Abela et v. Farrugia et** (rikors 572/2013) deciza fit-12 ta' Marzu 2015, <u>u li ghaddiet in gudikat</u>, wara ammissjoni tal-konvenuti Farrugia,

l-atturi f'din il-kawza, ordnat l-ezekuzzjoni tal-konvenju tad-9 ta' Gunju 2011, u li fi zmien tliet xhur jigi ppubblikat l-att ta' trasferiment tal-fond mill-atturi prezenti a favur it-terzi akkwirenti. Din is-sentenza tista' taffettwa l-interess guridiku tal-atturi f'din il-kawza, u allura hemm lok li l-konvenuti jithallew iresqu n-nota tal-eccezzjoni (jew risposta guramentata) relattiva. Ovvjament, din il-Qorti mhux ser tqis il-validita` o meno ta' simili eccezzjoni u jekk tolqotx kemm it-talba ghar-rifuzjoni tal-parti mill-prezz u kif ukoll dik ghad-danni, pero` s-socjeta` konvenuta, fid-dawl ta' dan l-izvilupp, ma tistax tigi negata d-dritt li tissolleva l-eccezzjoni marbuta man-nuqqas ta' interess.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, tiddisponi mill-appell tal-konvenuti billi tilqa' l-istess, thassar u tirrevoka l-provvediment tal-ewwel Qorti tal-4 ta' Ottubru 2013, u minflok tghaddi biex tilqa' t-talba tal-konvenuti tat-18 ta' Lulju 2013, kif dedotta u tawtorizza l-prezentata ta' eccezzjoni ulterjuri marbuta man-nuqqas ta' interess guridiku tal-atturi.

L-ispejjez marbuta ma' dan l-incident, anke in prim istanza, jithallsu nofs mill-atturi u nofs mill-konvenuti.

L-atti qed jigu rinvjati lill-ewwel Qorti ghall-kontinwazzjoni tas-smiegh tal-kawza.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------